## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**ILLUM, 29 TA' SETTEMBRU, 2022**

**Kawza Numru: 6**

**Rik. 33/2021 RGM**

**Leonard Caruana (K.I. 298762M),**
**Emanuel Abela (K.I.209962M),**
**Rita Chircop (K.I. 533265M),**
**Rita Zammit (K.I. 460756M),**
**Flavia Cini (K.I. 626257M),**
**Leandro Lofreda (K.I. 32084M),**
**Charlene Zammit Lofreda (K.I. 338592M),**
**Terence Lofreda (K.I. 482985M),**
**Giuseppe Caruana (K.I. 261844M),**
**Alfreda Barbara (K.I. 533852M),**
**Domenica Bugeja (K.I. 1069945M),**
**Leonard Caruana (K.I. 1093347M),**
**Sean Caruana (K.I. 260095M),**
**Chantelle Caruana (K.I. 518793M),**
**Manuela Desira (K.I. 362492M),**
**Lawrence Caruana (K.I. 274762M),**
**Joseph Caruana K.I. 491964M),**
**Doris Scicluna (K.I. 483954M),**
**Rita Gafa` (K.I. 460161M),**
**Harry Caruana (K.I. 832750M),**

**Leonard Caruana (K.I. 412149M),**
**Michelle Grech (K.I. 316071M),**
**Mary Rose Gafa` (K.I. 156977M),**
**Roman Gafa` (K.I. 176078M),**
**Natasha Gafa`(K.I. 467379M),**
**Carmel sive Charlie Caruana**
**(K.I. 674460M) f'ismu u f'isem huh**
**Leonard Bernard Caruana detentur**
**tal-passaport australian N4831025**
**kif debitament awtorizzat li jidher,**
**Joseph Caruana (K.I. 116647M),**
**Anthony Caruana (K.I. 90650M),**
**Angelo Caruana (K.I. 822951M),**
**Peter Paul Caruana (K.I. 411056M),**
**Doris Caruana (K.I. 952148M),**
**Rose Cristina (K.I. 136774M),**
**Josanne Pace (K.I. 517280M),**
**Carmel Incorvaia (K.I. 775638M)**

**Vs.**

**Leonard Incorvaja (K.I. 966744M),**
**Mary Incorvaja (K.I. 0741752M),**
**Joseph sive Guzeppi Incorvaja (K.I. 0316646M),**
**Rosario Incorvaja (K.I. 440536M),**
**Anglu Incorvaja (K.I. 137749M),**
**Maria Carmela Camilleri (K.I. 528756M),**
**Lenard Caruana (K.I. 404858M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ta' Leonard Caruana et.**ipprezentat fil-15 ta' Jannar, 2021 li permezz tieghu ppremettew u talbu is-segwenti:

1. Illi l-esponenti lkoll flimkien mal-intimati huma s-sidien f'sehemijiet indivizi tal-fond li jgib in-numru ghaxra (10) li llum sar

numru hdax (11) li jinsab go Buzbiez Lane f'Marina Street, f'Marsaxlokk.

2. Illi dan il-fond gie ghandhom f'sehemijiet mhux ugwali mill-wirt tad-defunti Leonard Caruana u Angela nee` Psaila; u dana kif jirrizulta mid-dokument mmarkat bhala **Dokument LC1** li juri l-provenjenza tal-fond kif ghadda f'wirt.

3. Illi l-esponenti resqu ghall-iffirmar ta' konvenju li gie ffirmat minnhom quddiem in-Nutar Dr. Michel Dingli, permezz ta' liema huma obbligaw ruhhom li jbieghu u jitrasferixxu lil Godfrey Zammit (K.I. 512465M) u Bridget Josephine Zammit (K.I. 512364M) il-fond li huwa deskritt kif gej fl-imsemmi konvenju u cioe`: *'groundfloor tenement numbered ten (10 )in Busbies Alley in Marina Street in Marsaxlokk together with its garden as subject to the annual and perpetual ground rent of one cent €0.1 otherwise free and unencumbered with all its singular rights and appurtenances and with vacant possession and as better indicated on the plan hereto attached and marked with letter 'B';* liema bejgh ser isir bil-prezz ta' mija u erbghin elf euro (€140,000); kopja tal-konvenju hawn anness u mmarkat bhala u **Dokument LC2**;

4. Illi l-intimati ghalkemm imsejha diversi drabi sabiex jersqu ghall-bejgh tal-imsemmi fond irrifjutaw li jersqu minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

5. Illi l-esponenti bhala sidien tal-maggoranza tal-ishma tal-proprjeta` *de quo*, jixtiequ li l-fond hawn imsemmi jinbiegh ghall-prezz ta' mija u erbghin elf Ewro (€140,000), liema valur jirrifletti sewwa l-valur gust tal-proprjeta` meta mibjugha fis-suq miftuh fic-cirkostanzi odjerni u dana kif jirrizulta mir-rapport ossia stima mahruga mill-Perit Arkitett Melanie Spiteri datata tletin (30) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), anness bhala **Dokument LC3**;

6. Illi l-esponenti ghandhom il-possibilita` reali tal-bejgh tal-fond mertu ta' dan ir-rikors u di fatti huma diga' kkonkludew konvenju ma' Godfrey Zammit u Bridgette Josephine Zammit li huma xerrejja prospettiva, suggett naturalment ghall-awtorizzazzjoni mehtiega skont il-ligi sabiex ikunu jistghu jittrasferixxu l-fond *de quo* u dan skont ma jirrizulta mill-konvenju hawn anness bhala **Dokument LC2**;

7. Illi l-koproprjeta` fil-fond *de quo* originat minn wirt u fil-fatt kienet ghaddiet ghand l-antenati tal-esponenti permezz ta' kuntratt ta' akkwist li kien sar nhar l-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elf disgha mija u hamsa u ghoxrin (1925) fl-atti tan-Nutar Dottor Salvatore Borg Olivier; kopja annessa u mmarkata bhala **Dokument LC4**;

8. Illi l-intimati mhux ser ikunu pregudikati bl-imsemmi bejgh u ghalhekk ma hemm ebda gustifikazzjoni ghall-oppozizzjoni daparti taghhom ghall-istess;

9. Ghaldaqstant, l-esponenti kellhom jintavolaw dan ir-rikors u dana wara li diga interpellaw sabiex jersqu ghall-bejgh tal-imsemmi immobbli u cioe` l-fond bin-numru ghaxra (10) llum hdax (11) li jinsab gewwa Busbies Alley f'Marina Street f'Marsaxlokk u jersqu sabiex jiffirmaw il-kuntratt relattiv quddiem in-Nutar Michel Dingli permezz ta' ittra ufficjali li ggib in-numru 3786/2020 hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument LV5** b'kopja tal-ircevuta tal-hlas tal-boll provizorju **Dokument LC6**;

10. Illi l-esponenti jiddikjaraw, ai termini tal-Art. 495A (2) tal-Kap 16, bil-gurament; illi l-intimati huma ukoll eredi u ghandhom ishma indivizi fl-imsemmi fond;

11. Illi hadd mill-koproprjetarji ma beda azzjoni gudizzjarja ghall-qsim tal-istess fondi;

12. Illi parti mill-istess fond huwa soggetti ghal certa hsarat strutturali peress li qatt ma saret riparazzjoni adegwat tul l-ahhar estensjoni ta' snin, u liema hsarat jistghu jippregudikaw lil terzi minhabba possibilita` ta' incidenti;

13. Illi l-esponenti, bhala sidien tal-maggoranza tal-ishma tal-proprjetarji *de quo*, jixtiequ li l-fond in dizamina jinbiegh ghall-prezz ta' mija u erbghin elf Ewro (€140,000), liema valur jirrifletti sewwa l-valur gust tal-proprjeta` meta mibjugha fis-suq miftuh fic-cirkostanzi odjerni u l-posizzjoni tal-imsemmi fond;

14. Illi l-intimat mhux ser ikunu pregudikati bl-imsemmi bejgh u ghalhekk ma hemm ebda gustifikazzjoni ghall-opposizzjoni daparti taghhom ghall-istess;

15. Illi wahda mir-ragunijiet ewlenin li l-esponenti jixtiequ jittrasferixxu l-fondi mertu ta' din il-kawza huwa minhabba l-istat dilapidat tal-maggor parti tal-proprjeta` *de quo* kif jikkonferma ukoll ir-rapport tal-perit Melanie Spiteri li jghid is-segwenti u cioe`: *"The built part of the property consists of a heavy derelict and deteriorated masonary structure which is set at ground and first floor level",* rapport anness bhala **Kokument LC3**;

16. Illi qed jigi anness l-arblu tar-razza tal-partijiet li juri li l-proprjeta` mertu ta' dan ir-rikors gejja minn wirt ta' Leonard Caruana u martu Angela nee` Psaila, li kellhom sebgha (7) ulied, li lkoll mietu u issa hemm l-eredi ta' kull wild li ghandu sehem indiviz f'tali fond; annessa bhala **Dokument LC7** u c-certifikat tal-mewt relattivi ta' kull parti kif deskritti f'**Dokument LC7**, huma mmarkati bhala **Dokument A sa Dokument N**;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u provvediment li jidhrilha

xierqa u opportuni, u kif ukoll okkorrendo prevja l-hatra ta' periti teknici:-

a) Tawtorizza lill-esponenti jbieghu, ghall-prezz, ta mija u erbghin elf Ewro (€140,000), il-fond imsemmija fil-konvenju anness bhala **Dokument LC2** skont it-termini u kundizzjonijiet hemmhekk pattwiti; u tistabbilixxi l-hin, il-jum u l-post, meta u fejn ghadu jsir it-trasferiment;

b) *In subsidium* u fl-eventwalita` li din l-Onorabbli Qorti tordna li l-bejgh ghandu jsir ghal prezz izjed gholi minn dak indikat fit-talba precedenti, tawtorizza l-bejgh tal-fond *de quo* skont il-konvenju esebit bhala Dokument LC2, u tordna lill-esponenti jikkumpensaw proporzjonalment lill-intimati ghal kwalunwe differenza li talvolta tirrizulta;

c) Tordna illi l-kuntratt ta' bejgh jigi pubblikat min-Nutar Michel A. Dingli fil-hin, jum u post li joghgobha tordna; u

d) tahtar kuraturi sabiex jirrapprezentaw u jidhru fuq l-imsemmi kuntratt f'data li joghgobha tistabilixxi l-Qorti fil-kaz tal-kontumacja tal-konvenuti jew minn minnhom;

e) Taghti dawk il-provvedimenti necessarji ai termini tal-Artikolu 495A (&) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat ir-**Risposta ta' Leonard Incorvaja et.** ipprezentata fit-23 ta' Frar, 2021 li taqra kif ġej :

1. Preliminarjament l-attur Carmel sive Charlie Caruana għandu jipprova l-mandat li għandu għan-nom ta' ħuħ Leonard Bernard Caruana;

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, iżda dejjem in linea preliminari, il-kopja tar-rikors promotur notifikata lill-esponenti hija nieqsa minn Dok. LC1 dwar il-provenjenza u l-prospett li juri l-għadd u l-valur tal-ishma tal-partijiet minkejja li l-prospett huwa rikjest ai fini tal-Art. 495A (2) tal-Kap. 16;

3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess l-esponenti ser jiġu gravament preġudikati bil-bejgħ tal-fond skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-konvenju datat 28 ta' Settembru 2020 stante li l-valur tal-bejgħ ma jirriflettix il-valur tal-proprjeta'. Mhuwiex verosimili li fond ta' 262m$^2$, li jinsab max-xatt ta' Marsaxlokk u jinkludi ġnien jinbiegħ versu prezz irriżorju ta' €140,000;

4. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess jiġi rilevat li xi xhur qabel ma ġie ffirmat il-konvenju, l-attur kienu poġġew għall-bejgħ kamra waħda minn dan il-fond. L-esponenti Leonard Caruana kien wera interess li jakkwista din il-kamra versu l-prezz ta' €70,000 liema offerta ġiet rifjutata għaliex din kienet baxxa. L-esponenti Leonard Caruana għandu interess li jakkwista l-fond iżda qatt ma ġie nfurmat mill-atturi li l-fond kollu kien tpoġġa għall-bejgħ u l-prezz mitlub;

5. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess il-lista tax-xhieda hija kontradittorja għal dak li jingħad fir-rikors promotur u fir-rapport tal-Perit Melanie Spiteri. Filwaqt li fir-rikors issir riferenza għar-rapport tal-Perit Melanie Spiteri li ddeskriviet il-fond bħala "*heavy derelict*" skont il-lista tax-xhieda hemm inklużi l-inkwilini tal-fond;

6. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess skont il-konvenju datat 28 ta' Settembru 2020 mill-prezz tal-bejgħ trid titnaqqas is-somma ta' €2,000 li għandha titħallas lill-attur Leonard Caruana għall-ispejjeż li huwa għamel sabiex isir il-konvenju kif ukoll

għandha titnaqqas is-senserija ta' 1% fuq l-ammont ta' €70,000 ċjoe €700 li għandha titħallas ukoll lil Leonard Caruana. Dan ser ikompli jippreġudika gravament lill-esponenti stante li apparti l-prezz tal-bejgħ huwa aktar baxx mill-valur tas-suq, iridu jitnaqqsu l-ispejjeż allegatament inkorsi minn Leonard Caruana u s-senserija liema spejjeż mhumiex ippruvati u meta hu ben assodat li komporprjetarju mhuwiex intitolat għal senserija;

7. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess l-atturi għandhom jippruvaw l-ispejjeż ta' €2,000 allegatament inkorsi minn Leonard Caruana u msemmija fil-konvenju;

8. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess id-deskrizzjoni tal-fond li ser jinbiegħ mogħtija fil-konvenju mhijiex ċar jekk l-arja u s-sottoswol tal-proprjeta' humiex parti mill-bejgħ;

9. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, fiċ-ċirkostanzi fejn hemm aktar minn komproprjetarju wieħed li qed jopponi l-bejgħ ikun f'loku li jiġi ordnat il-bejgħ tal-fond b'liċitazzjoni ai termini tal-Art. 495A (9) tal-Kap. 16;

10. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, in kwantu għall-ispejjeż ġudizzjarji jiġi rilevat li l-esponenti m'għandhomx ibagħtu l-ispejjeż ġudizzjarji stante li hekk kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża l-esponenti ser ikunu gravament preġudikati bil-valur tal-bejgħ;

11. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, f'każ li din il-Qorti tordna l-bejgħ in linea mal-konvenju tat-28 ta' Settembru 2020, l-ispejjeż għandhom jinqasmu bejn il-partijiet skont l-ishma tagħhom;

Rat il-provi mressqa.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Elena Borg Costanzi nominata b'digriet tal-24 ta' Frar 2021.

Rat ir-rapport tal-Periti Tekniċi Addizzjonali Godwin Abela, Mario Cassar u Michael Lanfranco nominati b'digriet tat-8 ta' Lulju 2021.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti tas-17 ta' Ġunju 2022.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

L-atturi istitwew il-kawża odjerna in forza ta' l-**Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili**.

Qed jitolbu illi l-Qorti tawtorizza il-bejgħ tal-fond numru ħdax (11), Bużbież Lane f'Marina Street, Marsaxlokk li tiegħu il-partijiet kollha huma ko-proprjetarji u dan għall-prezz ta' mija u erbgħin elf ewro (€140,000) nonostante illi l-konvenuti qed jopponu dan il-bejgħ għal raġunijiet minnhom imressqa fir-risposta tagħhom.

Opportun għalhekk illi qabel xejn jiġu eżaminati il-karatteristiċi prinċipali ta' tali azzjoni.

**L-Ewwel sub-artikolu tal-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi segwenti:

> "(1) Salv meta jkun hemm kondominju jew stat ta' indiviżjoni forzata, meta xi ħaġa tkun inżammet in komun għal iżjed minn tliet snin u ħadd mis-sidien ma jkun beda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal ieħor għall-qsim tal-proprjetà li tkun qed tinżamm in komun, u l-komproprjetarji jonqsu milli jiftiehmu dwar il-bejgħ ta' xi

proprjetà partikolari bejniethom, il-qorti għandha, jekk tkun sodisfatta li ħadd mill-komproprjetarji dissidenti ma jkun gravament preġudikat b'dak li tordna, tawtorizza l-bejgħ skont ma jkun jixtieq l-akbar għadd ta' komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma li kull komproprjetarju jkollu."

L-istess Artikolu jkompli billi jiddelinja r-rekwiżiti li għandhom jiġu sodisfatti mal-preżentata tar-rikors:

"(2) It-talba lill-qorti għandha **ssir permezz ta' rikors** li miegħu jkun hemm annessa **dikjarazzjoni tas-sidien fejn jaqblu li jsir il-bejgħ** kif ukoll **prospett li jkun juri l-għadd u l-valur tal-ishma** li kull wieħed minnhom ikollu kif ukoll **il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li taħthom ikun ser isir il-bejgħ**. Fir-rikors għandha tiġi indikata wkoll id-data meta l-ħwejjeġ ikunu ġew in komun u ċ-ċirkostanzi relattivi."

B'mod ġenerali, l-għan ta' dan l-artikolu huwa intiż sabiex jiffaċilita t-trasferiment ta' proprjetà fl-intier tagħha meta jkun hemm proprjetarji ta' minoranza ta' ishma li għal raġuni jew oħra ma jridux jew ma jistgħux jersqu għat-trasferiment tal-proprjetà in komun.[1]

F'kawża ta' din ix-xorta fejn il-maġġoranza tal-koproprjetarji jitolbu li r-rieda tagħhom għandha tieħu s-sopravvent fuq dik tal-minoranza dissidenti, huwa d-dover tal-Qorti li tara u tassigura li ma jsirx abbuż minn din il-proċedura. Trid tassigura wkoll illi ma jsrix sfruttament mill-minoranza kif ukoll illi l-minoranza ma tbagħtix preġudizzju gravi kaġun tal-bejgħ forzat.[2]

[1] **David Abela noe vs. Dr. Simon Micallef Stafrace noe** deċiża mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fit-30 ta' Ġunju 2011.
[2] **Josephine Grech pro et noe vs George Joseph Parnis** deċiża mill-Qorti Ċivili Prim' Awla fis-6 ta' Frar 2017 u konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru 2017. Ara wkoll **Shirley Cardona et vs. Victor Bonanno** deċiża mill-Prim'Awla fl-4 t'April 2016.

Jgħodd ukoll dak li rreteniet il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Nutar Richard Vella Laurenti et vs John Vella Laurenti et** deċiża fis-27 ta' Jannar 2017 u ċioe '*Meta l-ligi fl-artikolu msemmi ssemmi l-kelma pregudizzju tinftiehem li dan irid ikun gravi – b'tali mod li l-bejgh eventwali tal-propjeta' in kwistjoni jkun biex wiehed juza terminu bl-ingliz " manuifestly unfair" ghad-dissident.*'

Hekk magħduda l-prinċipji ewlenin li jemanu mill-Artikolu 495A tal-Kap. 16 jeħtieġ issa li jiġu kkonsiderati l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti.

L-ewwel, it-tieni u l-ħames eċċezzjoni tal-konvenuti huma llum sorvolati tant li l-konvenuti ma għamlu l-ebda aċċenn għalihom fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom.

L-eċċezzjonijiet min-numru 3 'il quddiem jistgħu jiġu meqjusa taħt erba' linji difensjonali:

1. Il-valur tal-bejgħ ta' €140,000 ma jirriflettix il-valur tal-proprjeta' u għalhekk il-konvenuti ser isofru preġudizzju gravi jekk il-bejgħ mitlub jiġi awtorizzat;
2. Is-somma ta' €2,000 pretiża mill-attur Leonard Caruana biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li huwa allegatament għamel in konnessjoni mal-konvenju u s-senserija ta' wieħed fil-mija (1%) pretiża mill-istess attur Leonard Caruana ser ikomplu jippreġudikaw gravament lill-konvenuti anke għaliex skond il-konvenuti komproprejtarju ma hux intitolat għal senserija;
3. Fejn hemm aktar minn minn komproprjetarju wieħed li qed jopponi l-bejgħ ikun floku li jiġi ordnat il-bejgħ tal-fond b'liċitazzjoni ai termini tal-Artikolu 495A (9) tal-Kap. 16;
4. F'każ li l-qorti tawtorizza l-bejgħ kif mitlub l-ispejjez tal-kawża għandhom jinqassmu skond is-sehem rispettiv ta' kull parti.

**L-Eċċezzjoni li l-Konvenuti ser isofru Preġudizzju Gravi għaliex isostnu li l-fond jiswa aktar minn €140,000**.

Permezz ta' din l-eċċezzjoni il-konvenuti qed jopponi t-talbiet attriċi għaliex isostnu illi l-fond mertu tal-kawża jiswa ferm aktar minn €140,000 indikat fil-konvenju iffirmat mill-atturi u minn terzi. Jeċċepixxu għalhekk illi jekk il-bejgħ kif propost jiġi awtorizzat ser isofru preġudizzju gravi.

Dwar il-preġudizzju gravi kontemplat fl-Artikolu 495A, ssir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-5 t'Ottubru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Helen Zammit et v. Madeleine Muscat**:

> 26. Illi dan l-aggravju tal-appellanti jirrigwarda l-preġudizzju serju li jissemma fis-subartikoli (1) u (6) tal-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili. Il-liġi titlob li, fil-qies ta' preġudizzju bħal dak, il-Qorti għandha tiżen kull fattur rilevanti magħdud ilvalur tal-proprjeta' u l-prezz tal-bejgħ. Minn kliem il-liġi, allura, joħroġ ċar li l-prezz li jkun miftiehem huwa biss waħda minn għadd ta' ċirkostanzi li Qorti tista' tqis biex tara jekk il-parti intimata hijiex jew le se ġġarrab preġudizzju li kieku l-bejgħ awtoriżżat ikollu jsir. X'aktarx li, minħabba nnatura partikolari tal-proċedura taħt l-artikolu 495A, il-prezz miftiehem ikun l-aktar kwestjoni li tnissel in-nuqqas ta' qbil bejn il-komproprjetarji: imma l-prezz mhuwiex il-kejl waħdieni li l-liġi tirreferi għalih, għaliex kieku l-kliem tal-liġi kien ikun mod ieħor. Kemm hu hekk, jidher li l-Qrati qiesu bħala preġudizzju gravi kundizzjonijiet f'konvenju li kienu jwarrbu l-għoti tal-garanzija tal-paċifiku pussess jew l-għoti ta' garanzija li l-ġid għandu l-permessi kollha talbini meta dan ma kienx il-każ17;
>
> 27. Illi għar-rigward tal-preġudizzju serju jew gravi minħabba l-bejgħ li jkun se jsir, dan irid ikun ta' sura tali li jkun manifestament inikwu għall-parti mġarrba18 . Madankollu, biex

Qorti tiddeċiedi jekk tilqax jew le talba għall-bejgħ ma huwiex biżżejjed li l-parti intimata tressaq stejjem li juru differenza fil-valur tal-proprjeta' fejn id-differenza fil-valur bejn il-prezz miftiehem u l-valur fl-istima tkun relattivament żgħira. Kif ingħad, l-iskop tal-artikolu 495A mhuwiex biex jiġi assigurat bi preċiżjoni l-valur tal-proprjeta' fis-suq, imma li tara li l-bejgħ isir bi prezz xieraq li ma jġib ħsara lill-ebda proprjetarju;"

Huwa prinċipju bażilari tad-dritt illi min jallega jrid jipprova sal-grad tal-probabilita' dak minnu allegat. Sabiex jissodisfa dan l-oneru huwa tenut li jressaq quddiem il-Qorti mhux kwalunkwe prova iżda l-aħjar prova disponibbli.[3]

Isegwi għalhekk illi jekk il-konvenuti irnexxielhom jippruvaw illi l-fond de quo għandu valur fis-suq li jeċċedi b'mod konsiderevoli il-valur indikat fil-konvenju ffirmat mill-atturi, allura jkun irnexxielhom li jippruvaw sodisfaċentement illi jekk il-qorti tawtorizza l-bejgħ kif mitlub l-konvenuti jbatu preġudizzju gravi.

Mill-banda l-oħra l-atturi jsostnu illi l-prezz indikat fil-konvenju huwa l-valur fis-suq tal-fond de quo. L-ewwel prova tagħhom fir-rigward huwa rapport tal-perit *ex parte* minnhom inkarigata, il-Perit Arkitett Melanie Spiteri, datat 30 ta' Diċembru 2020 (Dok. LC3 f'paġna 17 tal-proċess). Wara li tagħti deskrizzjoni tal-fond u l-istat dilapidat li jinsab fih, il-Perit Spiteri stmatu għall-prezz ta' mija u erbgħin elf ewro (€140,000).

Peress li l-konvenuti rinfaċċjati bir-rapport tal-Perit Spiteri baqgħu isostnu illi l-fond jiswa ferm aktar minn dak indikat fir-rapport tal-perit *ex parte*, l-atturi talbu in-nomina ta' espert tekniku.

[3] **Artikoli 559 u 562 tal-Kap. 12** tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti innominat lill-Perit Arkitett Elena Borg Costanzi bħala perit tekniku li min-naħa tagħha irrelatat illi "il-valur tal-proprjeta' fis-suq liberu tenut kont ic-cens annwu u perpetwu huwa ta' mija u tletin elf Ewro (€130,000).

Il-konvenuti kkontestaw din ir-relazzjoni teknika u b'nota tal-24 ta' Mejju 2021 talbu il-ħatra ta' periti addizzjonali. Il-qorti ħatret bħala periti addizzjonali lill-Periti Arkitetti Godwin Abela, Mario Cassar u Michael Lanfranco li min-naħa tagħhom irrelataw illi l-fond de quo għandu valur fis-suq ta' mija u ħamsa u tletin elf ewro (€135,000).

Għall-konvenuti dawn ir-rapporti tekniċi ma jirriflettux il-valur reali tal-fond de quo. Tant illi fin-nota' ta' osservazzjonijiet tagħhom jissottomettu illi peress li dan huwa fond "b'footprint ta' aktar minn 260m.k. li fih ġnien, jinsab viċin il-baħar u jista' jiġi żviluppat f'ħames sulari skont ir-rapport tal-Perit Elena Borg Costanzi. Fid-dawl ta' dawn il-fatturi l-esponenti jemmnu li din il-Qorti għandha tiddipartixxi mill-valuri baxxi hawn elenkati u tagħti valur ogħla."

Wara li eżaminat attentament l-atti il-qorti tqis li tali sottomissjoni tal-konvenuti appena ċitata mhux biss ma ssib l-ebda sostenn fil-provi mressqa imma tista' titqies bħala riflessjoni ċara tal-animu tal-konvenuti illi akkost ta' kollox jippruvaw iwaqqfu l-bejgħ milli jsir.

Il-qorti għandha quddiemha bħala prova rapport ta' perit tekniku *ex parte*, rapport ta' perit tekniku ġudizzjarju u rapport ta' tlett periti addizzjonali ġudizzjarji illi lkoll jikkonfermaw li l-valur ta' €140,000 indikat fil-konvenju huwa valur reali tal-fond de quo meta wieħed jikkonsidra l-istat dilapidat li jinsab fih kif ukoll ir-restrizzjonijiet li jolqtuh jekk jiġi żviluppat.

Il-qorti tqis bħala nuqqas gravi dak tal-konvenuti illi baqgħu sa l-aħħar isostnu li l-fond jiswa ferm aktar minn €140,000 u baqgħu sa l-aħħar

ma resqu l-ebda xrara ta' evidenza li tista' b'xi mod isostni t-teżi tagħhom. Il-qorti ma tistax ma tiċċensurax tali linja difensjonali.

Il-konvenuti setgħu kieku riedu jressqu provi ta' perit *ex parte* in sostenn tat-teżi tagħhom imma naqsu milli jagħmlu dan. Ma jirriżultax li qatt ippruvaw iġibu stima minn xi persuna professjonali tal-fiduċja tagħhom sabiex almenu wieħed jista' jikkunsidra l-objezzjoni tagħhom għall-bejgħ kif propost.

Għal dan in-nuqqas da parti tal-konvenuti il-qorti ser tipprovdi meta ser tikkonsidra l-kap tal-ispejjeż.

**L-Eċċezzjoni li l-konvenuti m'għandhomx iħallsu parti mis-somma ta' €2,000 u s-senserija pretiżi mill-attur Leonard Caruana**.

Din l-eċċezzjoni hija fondata. Dwar is-senserija pretiża mill-attur Leonard Caruana u inserita fil-konvenju għandu jingħad illi għalkemm jidher li l-attur Leonard Caruana sab il-kompraturi prospettivi, huwa kien inkarigat mill-atturi biss u mhux ukoll mill-konvenuti. Difatti l-konvenju li l-atturi ffirmaw mat-terzi jirrigwarda biss is-sehem tal-atturi mill-fond de quo u ċioe' mitejn u għaxar parti indiviża minn mitejn u ħamsa u erbgħin sehem (210/245)[4].

Il-qorti għalhekk mhiex qed tippronunzja ruħha dwar jekk l-attturi u t-terzi għandhomx iħallsu senserija dwar is-sehem tagħhom.

Mill-banda l-oħra pero' il-bejgħ forzat ta' sehem il-konvenuti ma hux riżultat ta' ħidma ta' sensar u għalhekk l-ebda senserija ma hi dovuta.

[4] Paġna 15 tal-proċess

Dwar l-ispejjeż li Leonard Caruana qed jippretendi li għamel sabiex sar il-konvenju tal-atturi mat-terzi, hawn ukoll il-qorti ma tqisx illi l-konvenuti għandhom jikkontribwixxu għal dawn l-ispejjez konsistenti prinċipalment f'riċerki ordnati mir-Reġistru Pubbliku kif ukoll kopji legali ta' kuntratti relativi għall-fond de quo. Il-qorti tqis illi dawn huma spejjeż li normalment iħallsuhom il-kompraturi prospettivi u għalhekk ma tqisx illi mis-sehem tal-konvenuti għandu jitnaqqas xi ammont sabiex jagħmel tajjeb għal spejjeż ta' riċerki u kopji ta' kuntratti.

Il-qorti tqis għalhekk din l-eċċezzjoni bħala fondata.

**L-Eċċezzjoni illi fejn hemm aktar minn minn komproprjetarju wieħed li qed jopponi l-bejgħ ikun floku li jiġi ordnat il-bejgħ tal-fond b'liċitazzjoni ai termini tal-Artikolu 495A (9) tal-Kap. 16**.

Is-**sub inċiż 9 tal-Artikolu 495A** jipprovdi illi:

> Jekk ikun hemm aktar minn komproprjetarju wieħed li jopponi jew f'każ li l-qorti tkun ċaħdet ir-rikors skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (7), il-qorti tista', minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, tordna l-bejgħ tal-beni b'liċitazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 521 u 522

Jiġi rilevat illi l-qorti ma hiex qed tiċħad ir-rikors promotur u għalhekk tqis illi ma jirriżultawx l-estremi sabiex tikkonsidra li tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni minflok ma tawtorizza li l-fond jinbiegħ għall-valur ta' €140,000.

**Mertu**.

Stabbilit illi,

i) l-fond mertu tal-kawża ilu miżmum in komun għal aktar minn tlett snin;

ii) ħadd mis-sidien ma beda kawża quddiem xi qorti jew tribunal ieħor għall-qsim tal-proprjetà komuni;

iii) il-kompropretjarji naqssu milli jiftehmu dwar il-bejgħ tal-fond de quo b'mod partikolari fir-rigward tal-prezz;

iv) bil-prezz ta' €140,000 ħadd mill-komproprjetarji ma ser ikun gravament preġudikat;

v) l-atturi ippruvaw ix-xewqa tagħhom li jbiegħu il-fond de quo bil-preżentata tal-kopja tal-konvenju;

vi) l-atturi ppreżentaw prospett li juri l-għadd u l-valur tal-ishma li kull wieħed u waħda mill-partijiet għandhom mill-fond de quo kif ukoll il-kondizzjonijiet tal-bejgħ tal-ishma tal-konvenuti fuq l-istess linja tal-kondizzjonijiet tal-bejgħ tal-ishma tal-atturi kif emanenti mill-konvenju de quo;

vii) l-akbar għadd ta' komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma li għandhom jaqblu u qed jitolbu li l-fond de quo jinbiegħ għall-prezz ta' €140,000;

il-qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex m'għandiex tawtorizza u tordna li l-fond de quo jinbiegħ għall-prezz ta' €140,000 kif qed jitolbu l-atturi, detenturi tal-maġġoranza tal-ishma fil-fond de quo.

**L-Eċċezzjoni illi fl-eventwalita' ta' akkoljiment tat-talbiet attriċi l-ispejjeż għandhom ikunu spartiti skond is-sehem ta' kull parti**.

L-aħħar eċċezzjoni tal-konvenuti hi fis-sens illi fl-eventwalita' li l-qorti tilqa' t-talbiet attriċi, ma takkollax l-ispejjeż lill-konvenuti iżda tifrixhom fuq il-partijiet kollha skond is-sehem rispettiv ta' kull wieħed u waħda minnhom.

Il-qorti ma tqisx illi din l-eċċezzjoni hija fondata.

Il-konvenuti baqgħu sa l-aħħar jikkontendu illi l-fond m'għandux jinbiegħ għall-prezz ta' €140,000 għaliex baqgħu isostnu, mingħajr xrara ta' evidenza, li l-fond jiswa ferm aktar. Sa l-aħħar ukoll żammew mistur mill-qorti l-prezz li huma jippretendu li l-fond kellu jġib fis-suq miftuħ.

Il-provi kollha mressqa, inkluż il-prova tal-perizja perizjuri mitluba mill-istess konvenuti, stabbilew mingħajr ebda ombra ta' dubju illi l-valur fis-suq tal-fond de quo huwa ta' circa €135,000.

Isegwi għalhekk illi l-eċċezzjoni prinċipali tal-konvenuti minnhom sostnuta sa l-aħħar, anke wara r-rapport tal-periti addizzjonali, ma hiex fondata u qed tiġi respinta.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis illi għandha tapplika dak dispost mill-**artikolu 223 tal-Kap 12** fis-sens illi l-parti telliefa għandha tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż tal-kawża; ħlief li ser ikun hemm temperament minħabba li l-qorti mhux qed tilqa' t-talba tal-atturi sabiex il-konvenuti jikkontribwixxu għall-ħlas ta' senserija u spejjeż li l-atturi qablu bejniethom li jitħallsu lill-attur Leonard Caruana.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. Tilqa' s-sitt u seba' eċċezzjoni;

2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha;

3. Tilqa' in parte l-ewwel talba, **tawtorizza li l-fond numru ħdax (11), Bużbież Lane, Marina Street, Marsaxlokk, jinbiegħ bil-prezz ta' mija u erbgħin elf ewro (€140,000) bil-pattijiet hemm**

**kontemplati ħlief dawk li jirrigwardaw il-pretensjoni ta' l-attur Leonard Caruana għal senserija u spejjeż;**

4. Tordna li l-kuntratt ta' bejgħ jiġi ppubblikat min-Nutar Michel A. Dingli nhar il-Ġimgħa 28 ta' Ottubru 2022 fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) fl-edifiċju tal-qorti;

5. Taħtar lill-Avukat Dr. Jonathan Spiteri bħala kuratur sabiex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi;

6. L-ispejjez tal-perizja teknika u tal-perizja teknika addizzjonali a karigu tal-konvenuti in solidum bejniethom;

7. Il-kumplament tal-ispejjeż jitħallsu in kwantu għal deċima parti (1/10) mill-atturi u in kwantu u disa' parti minn għaxra (9/10) mill-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
29 ta' Settembru 2022

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**